# EPIGRAMMI

*Ta'* P. P. SAYDON

Minn ftit 'il hawn aktar minn kittieb wieħed beda jitħajjar jikteb epigrammi. Fl-aħħar għadd ta' IL-MALTI għandna l-epigrammi ta' Anton Buttigieg (faċċ. 115). Epigrammi oħra deħru fi IL-MALTI (1954, 53; 1958, 85-89; 1959, 23; 1961, 57; 1964, 115-116). Ara wkoll il-ktejjeb ta' Patri D. Mintoff, O.F.M., *L-Epigramma fil-Malti.* Ma' dawk li kont ktibt fis-sena 1958 irrid inżid hawn oħra u magħhom inżid ukoll xi tagħrif ieħor żgħir li ma jinstabx fil-ktieb ta' P. Mintoff.

L-epigramma fil-forma tiegħu klassika hu ħsieb wieħed imfisser fi ftit kliem b'forma poetika. Aktarx li hu magħmul minn żewġ versi; xi drabi minn erbgħa, bħall-epigramma *Lil . . . wieħed* miġjub f'*Leħen il-Malti* Sett. 1932 bil-firma C. V., li P. Mintoff ħaseb li jfissru Karmenu Vassallo (faċċ. 9). Imma l-epigramma hu tiegħi. C. V. hu psewdonimu, isem falz u xejn aktar. Il-ħsieb imfisser fl-epigramma fih dejjem xi tingiża ħafifa ta' xi nuqqas ta' nies magħrufa, għakemm mhux bil-fors nies kbar. B'daqshekk ma għandniex inqisu l-epigramma bħala tagħjira u ninqdew bih biex ingħajjru 'l għajrna. Xi drabi jiġri li wieħed daqskemm iħoss ittingiża tal-epigramma jaħsbu miktub għalih, jieħu għalih, jiġġieled mal-kittieb jew jikteb kontra tiegħu u jgħajjru. Min jagħmel hekk juri li ma jafx xinhu epigramma jew jidhirlu li hu waħdu fid-dinja ma għandu l-ebda nuqqas u ma ħaqqux ħlief tifħir. L-epigramma għandu jkun ġej mill-ħajja, mhux mill-moħħ biss, bħala tingiża rqiqa għal xi nuqqas dieher, ngħidu aħna xeħħa, regħba, kburija, ftaħir żejjed u nuqqasijiet oħra li ftit jew wisq jinsabu fuq il-kotra tan-nies. U mhux tingiża biss, imma wkoll daqsxejn ta' daħka, jiġifieri tniggeż 'il xi ħadd u fl-istess ħin twaqqgħu ftit għad-daħk. Xi drabi jiġri li l-epigramma ma jkun fih xejn minn dan kollu, u la tingiż u lanqas daħk, imma biss xi fatt li ma tantx ikun komuni. Nieħdu dal-kas: Alexander Pope kien kittieb kbir Ingliż; meta kien fil-bżonn ta ruħu għat-traduzzjonijiet, u ittraduċa fost ħwejjeġ oħra 'l Omeru. Tat-traduzzjoni tal-Iliade daħħal ħamsa jew sitt elef lira li bihom xtara dar u l-art ta' magħha fi Twickenham fuq ix-xatt tat-Tamiġi xi tnax-il mil bogħod minn Londra, u hemm kien jgħix bil-kumditā kollha. Wieħed Taljan kitiblu epigramma li bil-Malti jfisser hekk: Miet bil-ġuħ Omeru, u fuq dahru kien jgħix bil-lussu t-traduttur Ingliż. L-ebda tingiża, l-ebda daħka, imma biss fatt minn dawk li ma jiġrux kuljum, imfisser b'mod veru, li jogħġob. Għal-

hekk l-epigramma jitlob fuq kollox sengħa li tfisser fi ftit kliem, imma b'mod li jogħġob, fatt sabiħ jew mhux, jew żgħir, tajjeb jew ħażin, tal-ħajja ta' kuljum.

Dawn il-ftit epigrammi li ġejjin mhumiex imqassmin skond is-suġġett, imma miġburin hawn kif inkitbu, skond iċ-ċirkustanzi.

1

Id-dinja nqalbet:
flok is-sewwa d-dnewwa;
flok il-ħbieb l-għedewwa;
Min jaf għadx naraw:
ħmir bis-surtun
u rġiel jiġbdu l-karettun?

2

Tbissim u tislim tara sikwit,
ħniena u mħabba fil-qalb tal-ftit.

3

Dwiefer ħomor u xufftejn sbieħ ħomor
b'demm dawk li qtilt qasir il-għomor.

4

Wiċċ imfaqqa', dahar wiesa', żaqq imdawra,
dal-ħlas ta' xogħlok, għalik l-isbaħ ġawhra.

5

Kull fejn inħares taħwid biss u ħsara,
qridnieh is-sewwa, ħażen biss tara.

6

Ġieh, flus u setgħa kemm irridu għandna,
jaħasra għalina jekk nitilfu s-saltna!

7

Qaddis tas-Sema trid inti titqies,
xitan tal-qiegħ inti miżmum min-nies.

8

Kemm qantar il-ħanżir iqis biss sidu,
kemm ħalla l-mejjet igħodd min jiret ġidu.

9

Minn kliemek toboghdu l-mammon, ħabib,
imma juri għamilek kemm inti rgħib.

10

Ma tridx min iħobbu l-mammon, ħabib,
biex tħobbu int waħdek daqs l-egħżeż qarib.

11

Merħla ħnieżer smien u bla ruħ
sar il-poplu u dawk li jmexxuh.

12

Evviva mammon, alla kbir tagħna,
minn xejn ma nibżgħu kemm idum hu magħna.

13

Ma jogħġbokx, ħabib, ngħix maqtugħ min-nies;
miskin! li terġa' terda' issa aqta' l-jies.

14

Igħidu li l-bniedem imnissel mill-bhejjem;
mhux tassew; għax kieku jħobb 'il għajru dejjem.

15

Tħobbu l-għalf tajjeb, għalhekk inti smin,
imma daqs tal-ħanżir laħmek mhux bnin.

16

Togħġbok il-fwieħa tal-bħur ta' tifħir fieragħ
għax taħbi r-rieħa tad-dnub li dnibt il-bieraħ.

17

Kont fil-bżonn: jien għintek biex le ma tbati;
insejt? issa biż-żewġ kemm tiflaħ tagħti.

18

Kont għadek moħor, fil-bidu tal-ħajja,
insejt? ħarriġtek timxi u titla' t-tlajja'.

19

Weżintek, rawwamtek, raġel għamiltek,
insejt? b'ħilti kibret u tqawwiet ħiltek.